GAMING MALTA

# FOND TAL-ESPORTS tal-GamingMalta

## Politika ta' Rekwiżiti u Distribuzzjoni

# 1. INTRODUZZJONI

Il-fond tal-Esports introdott mill-Fondazzjoni GamingMalta ippermetta n-negozju tal-Esports f'Malta mill-2019. Il-fond kien strumentali biex Malta titpoġġa fuq il-mappa globali tal-Esports b'diversi avvenimenti fiżiċi u online, li jvarjaw minn wirjiet, għal turnej, u konferenzi.

L-iskop ta' dan id-dokument huwa li jipprovdi aktar dettall dwar il-kriterji u r-rekwiżiti tal-aġġudikazzjoni li l-Fondazzjoni GamingMalta se tuża biex tassenja l-fondi tal-Esports lil applikanti eliġibbli.

# 2. KLASSIFIKAZZJONI

GamingMalta tirriżerva d-dritt li tikklassifika t-talbiet għal finanzjament f'diversi kategoriji, u tassenja baġit għal kull kategorija, skont il-mod li bih il-finanzjament ikun l-aktar adattat għall-objettivi varji tal-GamingMalta Esports Fund.

GamingMalta se tikkunsidra dawn li ġejjin bħala prinċipji importanti fi kwalunkwe klassifikazzjoni:

2.1 **Il-pluralità ta' operaturi:** Il-Fond tal-Esports m'għandux ikun iddominat minn applikant wieħed jew numru żgħir ta' applikanti. Pjuttost, il-mod kif jiġi distribwit il-finanzjament se jikkunsidra li jekk bosta applikanti huma eliġibbli, allura grupp akbar ta' applikanti għandu jirċievi l-finanzjament;

2.2 **Diversità ta' avvenimenti u attivazzjonijiet:** Sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-Esports Fund, GamingMalta se tagħti ħafna attenzjoni lil avvenimenti li huma differenti minn oħrajn li diġà twettqu fi snin preċedenti, jew li qed jiġu applikati għalihom din is-sena.

# 3. DILIĠENZA DOVUTA

L-applikanti kollha għandhom ikunu meħtieġa jgħaddu minn proċess ta' diliġenza dovuta. L-applikazzjoni għall-finanzjament għandha tinkludi:

3.1 Dijagramma tal-Istruttura tal-Kumpanija li tindika l-UBOs kollha li jaqbżu l-10% interess għal entitajiet korporattivi;

3.2 Formola ta' Sjieda Benefiċjarja Timbrata għal entitajiet mingħajr skop ta' qligħ;

3.3 Ċertifikat ta' konformità mat-taxxa għall-applikant;

3.4 Ċertifikat tal-Kondotta tal-Pulizija:

- i Għall-kumpaniji: 25% UBOs u Diretturi tal-applikanti;
- ii Għall-individwi: Għall-persuna li qed tapplika;
- iii Għall-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ: Persuni li għandhom 25% jew aktar tad-drittijiet tal-vot.

## 4. ELIĠIBILITÀ

Sabiex wieħed ikun eliġibbli bħala applikant għall-Fond tal-Esports, irid ikun:

4.1 Entità korporattiva formalment inkorporata fl-UE li għandha preżenza u attivitajiet f'Malta;
4.2 Entità mingħajr skop ta' qligħ formalment irreġistrata fl-UE li għandha preżenza u attivitajiet f'Malta;
4.3 Kompetitur tal-Esports irreġistrat bħala professjonist tal-Esports permezz ta' reġistrazzjoni għal skopijiet ta' taxxa mal-awtoritajiet tat-taxxa Maltin;
4.4 Rekord pubbliku ta' attivitajiet li jindika li l-persuna hija attur leġittimu fl-industrija.

## 5. DISTRIBUZZJONI

L-applikant irid jipprovdi tqassim dettaljat tal-ispejjeż li għalihom qed jitlob finanzjament. GamingMalta se tagħżel l-ispejjeż eliġibbli, li huma spejjeż direttament relatati mal-organizzazzjoni ta' avvenimenti u attivitajiet fis-settur tal-Esports, u għandhom jeskludu kwalunkwe forma ta' nefqa kapitali.

L-ispejjeż eliġibbli jinkludu:

5.1 L-ispejjeż tal-ivvjaġġar;
5.2 L-ispejjeż biex jiġu ngaġġati tal-persunal;
5.3 Il-palk;
5.4 L-ispejjeż awdjoviżivi u tax-xandir;
5.5 Il-kiri tal-faċilitajiet;
5.6 Id-disinn, il-*branding* u l-*marketing*;
5.7 L-ispejjeż ta' kompetizzjonijiet bħal premjijiet.

Il-finanzjament kollu se jitqassam skont l-infiq eliġibbli. GamingMalta tista' tagħżel li tipprovdi finanzjament inizjali sa 80% tal-ispejjeż eliġibbli.

L-applikant għandu jkun meħtieġ jipprovdi fatturi u rċevuti kontra l-ispejjeż imġarrba u mitluba mingħand GamingMalta. Wara analiżi bbażata fuq l-ispejjeż attwalment imġarrba u dokumentati, GamingMalta għandha tagħmel kwalunkwe ħlas pendenti lill-applikant, jew l-applikant jista' jkun meħtieġ iħallas lura kwalunkwe ammont li ma jkunx intefaq, jew li ma jkunx eliġibbli lura lil GamingMalta.

## 6. KONTENUT TAL-APPLIKAZZJONI

L-applikanti li qed ifittxu appoġġ mill-Fond tal-Esports iridu jissottomettu proposta komprensiva li tiddeskrivi d-dettalji rilevanti kollha tal-attività ppjanata. L-applikazzjoni għandha turi b'mod ċar l-ambitu, l-intenzjoni, u l-ippjanar operattiv tal-avveniment, u trid tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

6.1 It-tip ta' avveniment li qed jiġi organizzat;
6.2 Id-dati ta' bidu u tmiem;
6.3 Id-dettalji dwar il-post;
6.4 In-numru mistenni ta' parteċipanti (fiżiċi u/jew virtwali);
6.5 L-għanijiet ewlenin u r-riżultati maħsuba;
6.6 L-istrateġija tal-*branding* u l-*marketing*;
6.7 L-arranġamenti tax-xandir u tal-midja;
6.8 Il-format tal-kompetizzjoni u/jew id-dettalji tal-kontenut;
6.9 It-tqassim dettaljat tal-ispejjeż proġettati;
6.10 Is-sommarju ta' xogħol jew esperjenza rilevanti preċedenti;
6.11 L-informazzjoni dwar id-diliġenza dovuta, kif indikat hawn fuq.

Din l-informazzjoni se tappoġġja l-proċess ta' valutazzjoni billi tiżgura t-trasparenza, ir-responsabbiltà, u l-allinjament mal-objettivi strateġiċi tal-fond. L-applikanti huma mħeġġa jipprovdu sottomissjonijiet ċari u b'evidenza tajba.

## 7. KRITERJI GĦALL-EVALWAZZJONI

L-applikazzjonijiet għall-Fond tal-Esports se jiġu vvalutati skont firxa ta' kriterji strateġiċi u operattivi mfassla biex jappoġġjaw it-tkabbir u s-sostenibbiltà tas-settur domestiku tal-Esports. Il-proposti se jiġu evalwati abbażi tal-kapaċità tagħhom li juru riżultati ċari u allinjament mal-prijoritajiet.

Il-kriterji tal-valutazzjoni jinkludu:

7.1 Il-post fejn ħa jsir l-avveniment, il-mod ta' kif se jinħadem u kemm l-istabiliment u adatt għas-sitwazzjoni;
7.2 Il-kwalità tax-xandir, inkluż kummentarju u talent *live*;
7.3 In-numru ta' parteċipanti, kemm fiżiċi u *online;*
7.4 L-użu ta' impjieg domestiku jew l-involviment ta' servizzi tal-Esports imħallsa pprovduti minn fornituri lokali;
7.5 L-integrità tal-kompetizzjoni, inkluż l-għarfien espert, u l-leġittimità;
7.6 Il-liċenzjar u d-drittijiet assigurati minn pubblikaturi tal-logħob rilevanti;
7.7 L-opportunitajiet maħluqa għall-parteċipanti lokali biex jinvolvu ruħhom fuq livell internazzjonali;
7.8 L-impenn muri għad-diversità u l-inklużjoni fl-avveniment.

**L-applikanti huma mħeġġa jipprovdu evidenza komprensiva li tindirizza il-kriterji applikabbli, filwaqt li jenfasizzaw kif l-attività proposta tagħhom se twassal benefiċċji sinifikanti lill-ekosistema lokali tal-Esports elettroniċi u lill-komunità usa'.**

gamingmalta.org